MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2005

Numru 544/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Sharon Tanti**
**v**

**MARIO CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARIO CAMILLERI** ta' wiehed u tletin sena bin il-mejjet Victor u Rita nee Caruana, imwieled Awstralja nhar it-tmienja ta' Jannar, 1974 u residenti f'numru 4, Giuseppe Stivala Street, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita numru 292790M gie imressaq quddiemha akkuzat talli;

1. B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fis-sbatax ta' Gunju,

2005 u fil-jiem ta' qabel, bil-hsieb li jestorci flus jew xi hag'ohra, jew li jaghmel xi qligh, hedded li jaghti malafama lil Anna Pomorski;

2. Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk kienet iffirmata minnu b'ismu jew b'isem mahluq hedded lil Anna Pomorski b'delitt (il-malafama) liema theddida kienet akkumpanjata minn ordni jew kundizzjoni.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa w ghoxrin ta' Lulju, 2005 esebit fl-atti u mmarkat bhala dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi deciza bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Lulju, 2005 u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halfet l-akkuzi.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-hamsa w ghoxrin ta' Lulju, 2005.

Illi ghalhekk, rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, il-Qorti hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu wara li semghet il-Prosekuzzjoni u l-Avukat Difensur jitratta fuq il-fatti.

Dwar il-piena l-Qorti hadet konjizzjoni tas-segwenti, u cioe` qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni bikrija tal-imputat fl-ewwel opportunita` moghtija lilu waqt il-presentata, il-ko-operazzjoni tal-imputat kif ddikjarat mill-Prosekuzzjoni seduta stante kif ukoll minn ezami tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni (dok CSH 3) u l-fedina

penali netta tal-imputat bl-ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqhha.

Illi minhabba l-premess il-Qorti thoss li hemm cirkostanzi li jimmeritaw l-Qorti tapplika provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 250(1)(2), 252(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li qed issib lill-imputat MARIO CAMILLERI hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu, u tiddeciedi billi tpoggi lill-imputat taht <u>ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett snin</u> mill-llum u dan ghaliex hija tal-fehema li s-sorveljanza tal-hati huwa mehtieg fl-interess li tigi assikurata r-riabilitazzjoni tieghu u sabiex jigi prevenut l-ghemil ta' reat iehor**.

Il-Qorti ghalhekk qieghda tissolecita li-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jinnomina l-kandidat ideali li ghandu jimmonitorja lill-imputat bil-ghan li jgib il-quddiem b'kull sforz socjali u edukattiv tal-imputat probationer, liema ufficjal ghandu ukoll jipprovdi rapporti bil-fomm dwar il-progress maghmul mill-imputat probationer darba kull sitt xhur.

L-imputat probationer Mario Camilleri ghandu jsegwi l-ordnijiet mghotija lilu mill-Probation Officer tul il-perjodu operattiv ta' din l-ordni tal-Probation.

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li hu jonqos li josservha.**

**L-imputat probationer minn naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------